# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 36

L-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-09:00.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 36.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

36.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

36.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 36.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

36.2.1 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE, Prinċipal tal-iskola, Surmast u rappreżentant tal-iskola kellhom laqgħa fejn il-Prinċipal talab li l-uffiċini tal-Kunsill jiġu flok l-uffiċini tas-Surmast, tal-iskrivan u purtinara. Is-Sindku qal li hu jaqbel ma din il-proposta għaliex anke bħala sigurta' tal-iskola jaqbel li l-aċċess għall-Kunsill ikun separat. Is-Sindku issuġerixxa li apparti l-uffiċini msemmija, fl-email li ser nibgħatu lil Prinċipal nistaqsu wkoll għat-toilet li jinsab fl-uffiċini tal-Kunsill preżenti, issuġerixxa wkoll li nibgħatu lista bl-ispejjeż kollha involuti biex issir dan it-transferiment. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.2.2 Is-Sindku qal li s-Surmast talbu għall-speed hump fid-daħla tal-iskola sabiex karozzi deħlin fl-iskola insaqqsu l-veloċita'. Is-Sindku ssuġerixxa li ssir u l-Kunsill qabel unanimament.

36.2.3 Is-Sindku qal li fl-events li jkollna, ħafna drabi jkun hemm bżonn ta' Laptop biex jintuża għal sound, video ecc., għalhekk isuġġerixxa li jinxatara laptop ieħor li dan jista' jintuża wkoll mis-Sindku għal xi xogħol reltat ma xogħlu. Peress li l-laptops kollha li għandna fl-uffiċju huma diġà committed ikun tajjeb li jinxtara laptop ġdid. . Il-Kunsill qabel unanimament.

36.2.4 Is-Sindku qal li bħala parti mill-kampanja tal-fondi tal-LC Care, se ssir kampanja għall-isterilizazzjoni tal-qtates kif ukoll tqassim ta' ikel lill-cat feeders. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.2.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-qasrija ħdejn id-daħla ta' Pawluzzu tħarrket temporanjament għaliex hemm permessi ta' xogħol fl-istess inħawi, din ser terġa' tmur fil-post oriġinali u qed tiġi preparata katina biex kemm din il-qasrija u anke qsari oħrajn ikunu jistgħu jiġu trasferiti faċilment.

36.2.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fi Triq il-Ġebla tal-Ġeneral miexi ġmielu u bħalissa qed iqabbdu l-connections tal-ilma mad-djar. Is-Sindku qal li kull filgħodu u filgħaxija qed jitlob aġġornament mingħand il-kuntrattur dwar ix-xogħol li jkun qed jitwettaq. Is-Sindku qal li kien hemm xi ftit ilmenti minn xi residenti minħabba t-traffiku pero spjegalhom li hemm bżonn il-paċenzja biex isiru xogħolijiet sewwa u fil-ħin.

36.2.7 Is-SE qalet li l-BOV talab li jiġi iffirmat agreement ġdid għall-użu tad-depożitu tal-flus 'Night Safe Agreement'. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.2.8 Is-SE qalet li daħlet talba għall-*dog bin* fit-Triq ir-Rokon. Il-Kunsill qabel unanimament.

36.2.9 Is-SE qalet li irċivejna email id-DLG illi skont iċ-ċirkulari 01/2022 dwar l-allokazzjoni finanzjarja tirefferi kif jitqassam il-fond ta' aġġustament wara li jkun hemm approvazzjoni mid-Diviżjoni. Għalhekk irridu nibgħatu rapport b'ġustifikazzjoni ta' dan l-aġġustament. Il-Kunsill qabel unanimament u talab lis-SE sabiex tipproċedi.

35.2.10 Is-SE qalet li ħarġet expression of interest sabiex il-Kunsill jinstallaw percussion equipment fl-open spaces tagħhom. Is-Sindku qal li jissuġerixxi li napplikaw għalihom kollha peress li dawn mhux se jiġu spejjeż lill Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.2.11 Is-SE qalet li minħabba s-sistema ġdida kif qed jiġu iddepożitati l-flus, hemm bżonn jinxtraw coin and cash machine sabiex tgħin lill-impjegati jgħoddu l-ammont kbir ta' coins li qed jinġabru. B'hekk ikun hemm inqas żbalji fl-għodd tal-flus kif ukoll innaqsu l-ammont ta' ħin li hemm bżonn għad-deposits. Il-Kunsill qabel unanimament.

35.2.12 Is-SE qalet li ħarget applikazzjoni għall-impjegati taħt l-iskema SPI/SCI 2/2022 Community Inclusive Employment Scheme (CIES). Il-Kunsill hu obbligat li jħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali u f'każ li jkun hemm bżonn li l-impjegat jaħdem siegħat żejda oltre min dawk stabbiliti fil-kuntratt ta' l-impjieg. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw għall-żewġ handy men.

## 36.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

36.3.1 Il-kunsillier Joseph Cauchi issuġerixxa biex is-shelter tal-qtates fil-pjazza jitħarrek post ieħor għaliex hu goff. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi mpoġġija ħdejn il-monument ta' Dun Ġużepp Cauchi.

36.3.2 Il-Vici Sindku Anthony Formosa issuġerixxa li terġa teħel dik il-hump li kien hemm fi Triq il-Wileġ. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 36.4 Mozzjoni 3/8 - Bye Law Trakkijiet fir-Raħal;

36.4.1 Is-SE qrat il-mozzjoni numru 3/8 u t-test ta' din il-mozzjoni proponuta mis-Sindku jaqra hekk:

*Peress* li l-lokalità ta' San Lawrenz ilha snin twal mgħobbija bil-piż ta' trakkijiet li jgħaddu mill-lokalità tagħna, b'dettriment għat-toroq u fuq kollox b'dettriment għan-nies tagħna.

*U peress* li l-lokalità tagħna qed ikollha terfà l-piż mhux żgħir tal-manutenzjoni tat-toroq mingħajr ebda kumpens jew proviżjoni għal dan il-piż fl-allokazzjoni annwali.

*Nipproponi* li l-Kunsill jingħatalu rimedju u jiġi kumpensat b'sistema ta' byelaw fuq it-tunellati esaġerati li jgħaddu mit-toroq tagħna. Jara wkoll li jkun hemm linji gwida ċari u stretti biex trakkijiet li jgħaddu mill-lokalità tagħna bl-ebda mod ma jkunu qed iġibu fil-periklu s-saħħa u l-benessere tan-nies tagħna.

36.4.2 Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Anthony Formosa. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu.

36.4.3 Is-Sindku qal li xtaq jgħaddi din il-mozzjoni minħabba l-ħsara kbira li qed issir fit-toroq ta' San Lawrenz u anke l-inkonvenjenza li qed tinħoloq lir-resdidenti. Il-Kunsilliera Carmena Grima qalet tistax tiġi tapplika għall-ħsara tal-busses ukoll. Is-Sindku qal li l-mozzjoni tirreferi għall-ħsara li tiġi kawżata minn tunnellati żejda ta' vetturi kbar li jużaw it-toroq tar--raħal.

## 36.5 Tismija ta' Triq Wied Pisklu;

36.5.1 Is-Sindku qal li ġie infurmat li Triq Wied Pisklu mhix qed tkun rikonoxxuta b'mod uffiċjali anke jekk hemm l-isem tagħha. . Is-Sindku qal li din hija triq pubblika u għalhekk għandna nitolbu lill-Kumitat tat-tismija tat-toroq biex din tidher fuq il-gazetta tal-gvern biex tkun uffiċjali. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 36.6 Green Wall fi Triq San Lawrenz;

36.6.1 Is-Sindku qal li ħarġet sejħa taħt Ambjent Malta 2022 – Local Councils Greening Scheme u ssuġġerixxa li napplikaw għall-Green Wall fi Triq San Lawrenz kif ukoll light poles li jaħdmu totalment minn enerġija rinovabbli fi Triq Nicholas Monsarrat. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 36.7 Applikazzjoni għall-5K Run fi 2022;

36.7.1 Is-Sindku qal li wara s-suċessi tar-runs fi snin preċedenti, bħala Kunsill għandna napplikaw għal fondi mal-Ministeru għal-Għawdex jew sorsi oħrajn sabiex issir run oħra għall-Ġunju li ġej. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 36.8 Petizzjoni mir-Residenti ta' Triq Ċangura;

36.8.1 Is-Sindku qal li daħlet petizzjoni mir-residenti ta' Triq Ċangura sabiex nsibu soluzzjoni għal problema ta' parkeġġ limitat fl-istess triq. Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lit-Transport Malta sabiex jikkunsidraw din it-talba.

## 36.9 Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart;

36.9.1 Is-SE ressqet ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart għall-approvazzjoni. Dan ġie approvat u iffirmat.

## 36.10 Unaudited Financial Statements 2021;

36.10.1 Is-SE flimkien mal-accountant tal-Kunsill ippreżentaw l-audited financial statements għall-2021. Din is-sena l-accounts ħadu spinta oħra pożittiva għaliex il-working capital hu wieħed pożittiv ħafna. Is-SE u l-accountant komplew jippreżentaw il-Financial Statements u wara dawn ġew approvati unanimament.

## 36.11 Zebra Crossings fi Triq San Lawrenz;

36.11.1 Is-Sindku qal li kellu rikjesta oħra għall zebra crossing ħdejn ta' Pawluzzu. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw mat-Transport Malta pero bla ma jitnaqqas ebda parkeġġ peress li diġa limitat ħafna. Sar qbil li ssir ukoll zebra crossing ieħor ħdejn Dar Dun Ġużepp Cauchi.

## 36.13 Xogħol fil-Librerija;

36.13.1 Is-Sindku qal li ix-xogħol fil-librerija għaddej ġmielu u skont il-kwotazzjonijiet li kellna. Hu fakkar li dan kollox iffinanzjat mir-Reġjun t'Għawdex.

## 36.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

36.14.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

36.14.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 36.14.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

36.14.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:30 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Ħamis, 24 ta' Marzu 2022 fl-12:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv

11 ta’ Frar 2022

# MOZZJONI TAS-SINDKU

# 3/8

Għażiża Segretarju Eżekuttiv,

Nixtieq ġentilment ngħaddi din il-mozzjoni fil-laqgħa li jmiss.

Peress li l-lokalità ta' San Lawrenz ilha snin twal mgħobbija bil-piż ta' trakkijiet li jgħaddu mill-lokalità tagħna, b'dettriment għat-toroq u fuq kollox b'dettriment għan-nies tagħna.
U peress li l-lokalità tagħna qed ikollha terfà l-piż mhux żgħir tal-manutenzjoni tat-toroq mingħajr ebda kumpens jew proviżjoni għal dan il-piż fl-allokazzjoni annwali.
Nipproponi li l-Kunsill jingħatalu rimedju u jiġi kumpensat b'sistema ta' byelaw fuq it-tunellati esaġerati li jgħaddu mit-toroq tagħna. Jara wkoll li jkun hemm linji gwida ċari u stretti biex trakkijiet li jgħaddu mill-lokalità tagħna bl-ebda mod ma jkunu qed iġibu fil-periklu s-saħħa u l-benessere tan-nies tagħna.

Nirringrazzjak

Noel Formosa

KUNSILL LOKALI
SAN LAWRENZ
LOCAL COUNCIL

14/2/22